

31980D0157

11.2.1980

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 33/15

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-21 ta' Jannar 1980

**li temenda d-Deċiżjoni Nru 75/365/KEE li tistabbilixxi Kumitat ta' Uffiċjali Anzjani dwar is-Saħħa Pubblika**

(80/157/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

*L-Artikolu Wieħed*

L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 75/365/KEE għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

Wara li kkunsidra l-abbozz tad-Deċiżjoni mill-Kummissjoni,

*"L-Artikolu 2*

Billi skond id-Deċiżjoni 75/365/KEE <sup>(1)</sup> il-Kunsill stabbilixxa Kumitat ta' l-Uffiċjali Anzjani dwar is-Saħħa Pubblika li għandu l-kompitu jidentifika u janalizza kull diffikultà li tista' toriġina mill-implimentazzjoni tad-Direttivi li jirrelataw għad-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu provduti servizzi minn tobbja, li tingħabar l-informazzjoni kollha rilevanti dwar kondizzjonijiet li taħthom tingħata l-kura medika fl-Istati Membri u li jingħataw opinjonijiet li jistgħu jiggwidaw ix-xogħol tal-Kummissjoni bl-iskop ta' emenda possibbli tad-Direttivi msemmija;

Il-kompitu tal-Kumitat għandu jkun:

— li jidentifika u janalizza kull diffikultà li tista' toriġina mill-implimentazzjoni tad-Direttivi 75/362/KEE <sup>(1)</sup>, 75/363/KEE <sup>(2)</sup>, 77/452/KEE <sup>(3)</sup>, 77/453/KEE <sup>(4)</sup>, 78/686/KEE <sup>(5)</sup>, 78/687/KEE <sup>(6)</sup>, 80/154/KEE <sup>(7)</sup> u 80/155/KEE <sup>(8)</sup>,

— li jiġbor l-informazzjoni kollha rilevanti dwar:

— il-kondizzjonijiet li taħthom il-kura medika ġenerali u speċjalista tingħata minn tobbja fl-Istati Membri,

— il-kondizzjonijiet li taħthom il-kura ta' l-infermiera tingħata fl-Istati Membri minn infermiera responsabbli għall-kura ġenerali,

— il-kondizzjonijiet li taħthom kura dentali ġenerali u speċjalista tingħata minn prattikanti dentisti fl-Istati Membri,

— il-kondizzjonijiet li taħthom l-attivitajiet tal-qbiela jitwettqu fl-Istati Membri,

— li jagħtu opinjonijiet biex ix-xogħol tal-Kummissjoni jiġi ggwidat bl-iskop ta' emenda possibbli tad-Direttivi msemmija fuq.

Billi dik id-Deċiżjoni ġiet emendata mid-Deċiżjonijiet 77/455/KEE <sup>(2)</sup> u 78/689/KEE <sup>(3)</sup>, li jagħtu lill-Kumitat ta' Uffiċjali Anzjani dwar is-Saħħa Pubblika l-istess kompitu fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-miżuri adottati mill-Kunsill li jirrigwardaw l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu provduti servizzi ta' infermiera responsabbli għall-kura ġenerali u ta' dentisti prattikanti;

Billi l-applikazzjoni tal-miżuri adottati mill-Kunsill fir-rigward ta' l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu provduti servizzi u l-koordinazzjoni ta' dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fir-rigward ta' attivitajiet ta' qbiela tista' tikkawża problemi li għandhom jiġu eżaminati konġuntament;

Billi l-Kumitat ta' Uffiċjali Anzjali dwar is-Saħħa Pubblika għandu jingħata dan il-kompitu;

Billi t-termini ta' referenza ta' dak il-Kumitat għandhom għalhekk jiġu estenzi,

<sup>(1)</sup> ĠU L 167, tat-30.6.75, p. 19.

<sup>(2)</sup> ĠU L 176, tal-15.7.1977, p. 13.

<sup>(3)</sup> ĠU L 233, ta' l-24.8.1978, p. 17.

<sup>(1)</sup> ĠU L 33, tal-11.2.1980, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 33, tal-11.2.1980, p. 14.

<sup>(3)</sup> ĠU L 176, tal-15.7.1977, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 176, tal-15.7.1977, p. 8.

<sup>(5)</sup> ĠU L 233, ta' l-24.8.1978, p. 1.

<sup>(6)</sup> ĠU L 233, ta' l-24.8.1978, p. 10.

<sup>(7)</sup> ĠU L 33, tal-11.2.1980, p. 1.

<sup>(8)</sup> ĠU L 33, tal-11.2.1980, p. 8."

Magħmula fi Brussel, fil-21 Jannar 1980.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. MARCORA

---